MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-9 ta' Ġunju, 2023

Appell Inferjuri Numru 126/2021 LM

**Anthony McKay (K.I. nru. 267270M)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Francis Spiteri (K.I. nru. 249066M)**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Francis Spiteri (K.I. nru. 249066M)**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mi*l-lodo* arbitrali mogħti mill-Arbitru l-Avukat Damien Degiorgio, fiċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta [minn issa 'l quddiem 'l-Arbitru'], fis-27 ta' Ottubru, 2021, fejn laqa' t-talbiet tar-rikorrent **Anthony McKay (K.I. nru. 267270M)** [hawnhekk 'l-appellat'] għall-ħlas

ta' danni in segwitu għal inċident awtomobilistiku, bid-danni likwidati fl-ammont ta' €6,600, flimkien mal-imgħaxijiet relattivi, dekorribbli mis-27 ta' Settembru, 2016, bl-ispejjeż kontra l-intimat.

**Fatti**

2. Ir-rikorrent istitwixxa proċeduri quddiem l-Arbitru wara li fit-18 ta' Mejju, 2016 seħħ inċident tat-traffiku fit-triq li miż-Żejtun tieħu għal Wied il-Għajn, bejn il-vettura misjuqa mir-rikorrent targata DCC 465 u l-vettura misjuqa mill-intimat targata DCC 341. Permezz tat-talbiet tiegħu quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent talab li jiġi ddikjarat li l-intimat huwa unikament responsabbli għall-inċident minħabba negliġenza, u talab ukoll li jiġu likwidati d-danni sofferti minnu, li qal li jammontaw għal sebat elef Euro (€7,000).

3. L-intimat fir-risposta tiegħu qal li t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż għaliex dan l-inċident ma seħħx minħabba tortijiet attribwibbli lilu, iżda seħħ unikament għal raġunijiet attribwibbli lir-rikorrent, u minħabba traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħu. L-intimat qal ukoll li l-*quantum* tad-danni qiegħed jiġi kkontestat min-naħa tiegħu għaliex huwa esaġerat.

**Mertu**

4. **Warden number 273**, **Eric Sciberras** xehed li huwa mar fuq il-post fejn seħħ l-inċident u ħejja skizz. Qal li l-inċident seħħ fil-parti tat-triq li miż-Żejtun

tagħti għal Wied il-Għajn, f'salib it-toroq, f'parti tat-triq li mhijiex dritta. Qal li huwa ma jistax jgħid fejn seħħ l-impatt għaliex ma kienx hemm *debris* fil-post tal-inċident, minkejja li kien hemm il-marki tal-brejkijiet fl-art. Spjega li l-marki tal-brejkijiet huma twal erbatax-il metru u dawn kienu tal-vettura tar-rikorrent (DCC 465) li ħabtet mal-ħajt. Qal li konsegwenza tal-impatt, hemm ħsarat anki fil-ħajt. Ix-xhud qal li l-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet kienu kunfliġġenti.

5. **Curtis Bakush**, qal li huwa kien qiegħed iżur ħabib tiegħu ġewwa Wied il-Għajn u kien fi triqtu lejn iż-Żejtun meta ra ħabta mill-mera tal-vettura tiegħu wara li sema' l-ħoss tal-impatt. Qal li l-vettura misjuqa mir-rikorrent daret u baqgħet dieħla f'ħajt.

6. **Maurice Cordina**, f'isem Cordina Insurance Agency qal li r-rikorrent huwa kopert b'polza tal-assigurazzjoni *third party.*

7. Ir-rikorrent **Anthony McKay**, fix-xhieda tiegħu qal li huwa għandu vettura tal-għamla Renault Megane ta' lewn blu skur u dakinhar li seħħ l-inċident huwa kien nieżel miż-Żejtun fid-direzzjoni lejn Wied il-Għajn. Qal li huwa u nieżel ħarġet vettura min-naħa tax-xellug tiegħu u laqtitu fuq il-*bumper* ta' wara, u huwa skiddja u baqa' dieħel f'ħajt. Qal li mal-vettura tiegħu għad għandu marki taż-żebgħa tal-vettura l-oħra. Qal li wara l-inċident huwa ma tkellimx mal-intimat, u l-vettura tiegħu kellha ħsarat kbar, u kellha tiġi *scrapped.* Qal li huwa kien xtraha sitt xhur qabel *second hand,* bil-prezz ta' €7,000. Għad-domandi li sarulu waqt id-depożizzjoni tiegħu, ir-rikorrent qal li huwa dejjem baqa' fil-karreġġata tiegħu, u l-marki tal-brejkijiet li hemm fl-art huma tiegħu.

8. **Natalino Agius**, assessur tal-ħsara fuq il-vetturi, qal li huwa kien eżamina l-vettura tar-rikorrent wara li seħħ l-inċident. Qal li l-vettura tal-għamla Renault Megane kellha ħsara estensiva fuq quddiem, in-naħa tax-xellug u tal-lemin, u mat-tul kollu, kif ukoll fil-kantuniera tax-xellug fuq wara. Qal li l-*bumper* tal-vettura kien maqlugħ minn postu u fanal minnhom kien imkisser u kellu marki taż-żebgħa bajda. Qal li l-vettura misjuqa mill-intimat ukoll kellha ħsara fil-kantuniera tal-lemin ta' quddiem sal-bieba tax-xufier, għalkemm il-ħsara fuq il-vettura tar-rikorrent kienet aktar estensiva mill-ħsara fuq il-vettura tal-intimat.

9. L-intimat **Francis Spiteri**, fix-xhieda tiegħu qal li huwa kien qiegħed isuq fid-direzzjoni lejn Wied il-Għajn miż-Żejtun, u huwa kien qiegħed isuq b'veloċità baxxa. Qal li r-rikorrent kien ġej minn warajh, ipprova jissorpassah u ħabat ma' ħajt, filwaqt li huwa baqa' dieħel fil-ġenb tiegħu. Żied jgħid li meta r-rikorrent ipprova jissorpassah, huwa kien tiela' min-naħa l-oħra, ħabat ma' vettura misjuqa minn terz, u b'hekk tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu, u baqa' dieħel fih. Qal li huwa qiegħed jassumi li ġara hekk għaliex ma ra xejn. Qal ukoll li s-sewwieqa tat-tielet vettura ma kinitx taf min laqatha.

**<u>Il-lodo arbitrali appellat</u>**

10. Permezz tal-lodo arbitrali mogħti fis-27 ta' Ottubru, 2021, it-Tribunal iddeċieda li t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu milqugħa, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*“**<u>Konsiderazzjonijiet ta’ dan it-Tribunal</u>***

*Illi l-Arbitru ħa konjizzjoni tal-atti kollha ta’ dan il-każ li bażikament jikkonsisti f’żewġ verżjonijiet dijametrikament opposti fejn ir-rikorrent jgħid li l-intimat huwa totalment responsabbli għal dak li ġara filwaqt li l-intimat jgħid li jaħti totalment ir-rikorrent, bil-fatti deskritti miż-żewġ naħat ikunu għal kollox differenti.*

*Ir-rikorrent jgħid li, “*jien kont nieżel miż-Żejtun għal Wied il-Għajn. Waqt li kont nieżel ma kienx hemm traffiku u kont nieżel b’veloċità ta’ circa 65km/h.

Jien u nieżel ħarġet vettura min-naħa tax-xellug tiegħi u laqtitni fuq il-*bumper* ta’ wara, kif jirriżulta mis-survey billi għandi ż-żebgħa bajda fuq wara. Meta laqatni, il-karozza daret billi m’għandhiex differential. Il-karozza tiegħi skiddjat u bqajt dieħel fil-ħajt.”

*L-intimat min-naħa l-oħra jgħid: “*Kont nieżel fit-triq li tagħti għal Marsascala, ġej mill-Iscotts taż-Żejtun, fejn hemm is-showroom ta’ Montebello u ċioe kont nieżel mit-triq Dawret il-Kunsill tal-Ewropa. Jien kont għadni kemm xtrajt il-fuel mill-pompa tal-petrol, li tinsab faċċata mix-*showroom* ta’ Montebello.

Jien kont għaddej bil-mod u ġie r-rikorrent, minn warajja, mar biex laqatni, ġie quddiemi eżatt u ħabat mal-ħajt. Meta qalani u kiser fuq ix-xellug quddiemi, laqat il-mudguard tal-lemin tiegħi, baqa’ dieħel fil-ħajt u jien bqajt dieħel fil-ġenb tiegħu. Il-ħajt kien fuq ix-xellug tiegħi.”

*Illi għalhekk xogħol l-arbitru f’dan il-każ huwa li jifli l-provi li għandu quddiemu u minnhom jara liema verżjoni hija l-aktar verosimili minn dawk opposti li għoġobhom jippreżentawlu l-partijiet;*

*illi fid-deċiżjoni tiegħu l-arbitru jemmen li għalhekk jeħtieġ li jistrieħ fuq ix-xhieda taż-żewġ xhieda okulari li telgħu jixhdu fil-każ, ċioe Elisabeth Grech u Curtis Bakush;*

***Elisabeth Grech** tgħidilna, xott xott* “Dwar il-ħabta bejn il-Mackay u ħaddieħor jien ngħid li ma naf xejn.”

***Curtis Bakush** min-naħa l-oħra jgħid, “*Jien ngħid li hemm triq li toħroġ minnha għal triq prinċipali u minnha ħarġet vettura u laqtet lil Tonio li daħal fil-ħajt. Jien rajt l-impatt.”

*Illi din ix-xhieda ta’ Bakush hija l-unika xhieda diretta ta’ terzi li titfa’ ftit dawl fuq l-akkadut u ċioe, minn kif spjegat minn Bakush l-intimat ħabat fir-rikorrent u kkawża l-impatt sussegwenti.*

*Illi fid-dawl ta' dan u l-provi l-oħra kollha kunfliġġenti, inkluż il-mod kif il-warden wasal għall-konklużjonijiet tiegħu dwar il-*brake marks*, l-arbitru huwa tal-opinjoni li mill-provi wieħed jista' jasal għall-konklużjoni li kien jaħti għall-inċident l-intimat;*

*Illi dwar il-*quantum*, is-*survey report *maħruġ mill-MelitaUnipol u mehmuż bħala dok. SM01 tindika spejjeż ta' 7,049 euro;*

*Illi Maurice Cordina ukoll jgħid li l-vettura kienet assigurata għall-ammont ta' 7,000 euro, liema ammont jirriżulta kkonfermat fil-polza annessa bħala Dok. MC1;*

*Ir-rikorrent jgħid li xtara l-vettura għas-somma ta' 7,000 euro u dan huwa sa ċertu punt korroborat minn dikjarazzjoni miktuba bl-idejn mill-persuna li jidher li biegħitlu l-vettura, ċertu Josephine Camilleri, li tidher ukoll bħala s-sid fuq il-polza tal-assigurazzjoni mmarkata bħala Dok. MC1, għalkemm l-evidenza tagħha, li mhijiex ikkonfermata b'ġurament u lanqas kienet suġġetta għall-kontro-eżami, ma tistax tingħata piż.*

*Illi tenut kont ta' dan kollu jidher li l-valur ta' 7,000 euro mitlub mir-rikorrent jidher li huwa ġust, b'dan li wieħed ma jistax ma jagħtix piż ukoll għall-fatt li r-rikorrent din il-vettura biegħha* "Ngħid li jien il-vettura tiegħi tajtha lil Michael Xuereb, magħruf bħala x-xelinu, li jaċċetta vetturi li jkunu fi stat total loss, u dan tani 400 euro għall-vettura tiegħi. Ma kienx riċevuta għal dan il-ħlas li sar b'kontanti."

*Illi għalhekk it-telf tar-rikorrent ser jiġi kkalkolkat għall-ammont ta' 6,600 euro;*

***Decide***

*Għaldaqstant, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet aktar 'il fuq enunċjati l-arbitru qiegħed jiddisponi minn dan l-arbitraġġ filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif ġej,*

*1. Tiddikjara li l-intimat unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fit-18 ta' Mejju, 2016 bejn il-vetturi DCC 465 (misjuqa mir-rikorrenti) u l-vettura DCC 341, misjuqa mill-intimat;*
*2. Tillikwida d-danni subiti mir-rikorrent fl-ammont ta' sitt elef u sitt mitt euro (€6,600);*
*3. Tikkundanna lill-istess intimat, iħallas l-ammont hekk likwidat lir-rikorrenti, flimkien mal-imgħaxijiet kalkolati mid-data tan-notifika tal-avviż, ċioe 27 ta' Settembru, 2016 u l-ispejjeż, inkluża dawk tal-ittra uffiċjali, jkunu a karigu tal-istess intimat."*

**L-Appell**

11. L-intimat ippreżenta appell mil-*lodo* arbitrali appellat permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fil-11 ta' Novembru, 2021, fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka d-deċiżjoni tal-Arbitru, u minflok issib lir-rikorrent Anthony McKay unikament u kompletament responsabbli għall-inċident *de quo,* bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess rikorrent.

12. L-appellant qal li mill-provi jirriżulta li seħħ inċident awtomobilistiku fit-18 ta' Mejju, 2016 f'Dawret il-Kunsill tal-Ewropa, Marsaskala, u l-verżjonijiet tal-partijiet, is-sewwieqa involuti fl-inċident, huma kunfliġġenti bil-kbir. Qal li filwaqt li l-appellat jikkontendi li huwa kien qiegħed isuq ġewwa Triq Dawret il-Kunsill tal-Ewropa, sejjer miż-Żejtun fid-direzzjoni lejn Wied il-Għajn, ħarġet vettura minn triq laterali fuq ix-xellug tiegħu, u laqtitu fuq il-*bumper* ta' wara. Qal li l-appellat qal li kien għaddej fuq in-naħa t-tajba tat-triq u li fl-ebda ħin ma qabeż il-linja medjana tat-triq. L-appellant qal li huwa jiċħad li huwa ħareġ minn xi triq laterali, u huwa kien għaddej bil-mod minn Triq Dawret il-Kunsill tal-Ewropa fid-direzzjoni lejn Wied il-Għajn, meta f'ħin minnhom ġiet vettura b'ċerta veloċità minn warajh. Qal li din il-vettura marret fuq in-naħa l-ħażina tat-triq bl-għan li tissorpassah u, hekk kif ittentat tidħol quddiemu, laqtitu fuq il-kantuniera ta' quddiem tan-naħa tal-lemin bil-parti ta' wara tagħha fuq il-kantuniera tan-naħa tax-xellug. Qal li mal-impatt il-vettura misjuqa mill-appellat tilfet il-kontroll u baqgħet dieħla f'ħajt li hemm mal-ġenb tat-triq, filwaqt li l-vettura misjuqa minnu spiċċat biex baqgħet dieħla fil-vettura tal-appellat fuq il-ġenb tax-xellug tagħha.

13. L-appellant qal li l-Arbitru, wara li enfasizza li l-verżjonijiet tal-partijiet kienu kunfliġġenti, għadda biex straħ fuq il-verżjonijiet mogħtija minn dawk li ssejħu bħala "xhieda okulari". L-appellant iżda qal li l-Arbitru ma kienx korrett fl-użu ta' dan it-terminu, u dan għaliex l-ebda wieħed minn dawn ix-xhieda ma ra l-inċident iseħħ. Qal li Elisabeth Grech qalet li hija ma tiftakar xejn dwar il-ħabta, filwaqt li Curtis Bakush, qal li huwa sema' l-ħoss tal-impatt, u kien biss dak il-ħin li huwa ħares fil-mera. Qal li għalhekk dan ix-xhud ma kien okulari xejn u ma ra l-ebda inċident iseħħ, għaliex dan ħares fil-mera wara li kien sema' l-ħoss tal-impatt. L-appellant qal li hemm ukoll dubji serji fuq il-kredibbilità ta' dan ix-xhud għaliex m'hemm l-ebda riferiment għalih fl-okkorrenza dwar l-inċident. Qal li hija kemmxejn stramba kif persuna li tinzerta qegħda fuq il-post tal-inċident tat-traffiku li fih ikun involut persuna li jaf, lanqas biss jieqaf biex joffri l-għajnuna, jew biex joffri l-verżjoni ta' dak li kien seħħ lil min kien qiegħed jinvestiga l-inċident.

14. L-appellant żied jgħid li ġew prodotti diversi provi u indizji li fil-fehma tiegħu kellhom jgħinu biex l-Arbitru jasal għall-konklużjoni dwar kif seħħ l-inċident in kwistjoni, liema provi iżda ġew injorati mill-Arbitru. Qal li żewġ fatturi importanti li ġew injorati kompletament, huma l-*brake marks* u l-pożizzjoni tal-ħsarat li ġarrbu ż-żewġ vetturi. L-appellant qal li mhuwiex minnu li kien hemm xi kunflitt dwar il-mod kif il-*warden* wasal għall-konklużjonijiet tiegħu dwar il-marki tal-brejkijiet, u l-kunflitt li hemm kien limitatament għall-*brake marks* li l-appellat jgħid li kienu tal-appellant, iżda li dwarhom il-*warden* qal li ma setax jikkonferma jekk dawn kinux relatati mal-inċident mertu tal-kawża jew ma' xi inċident ieħor. L-appellant qal li dwar il-*brake marks* li saru mill-vettura tal-

appellat ma kien hemm l-ebda kunflitt u lanqas kontestazzjoni, tant hu hekk illi l-appellat fix-xhieda tiegħu qal li l-marki tal-brejkijiet kienu tiegħu. Qal li ladarba mill-provi ġie stabbilit li l-marki tal-brejkijiet indikati fl-iskizz u li jidhru f'diversi ritratti huma tal-vettura tal-appellat, minn dawn il-marki wieħed jista' jiddeduċi l-moviment tal-vettura, fattur li ġie injorat għal kollox mill-Arbitru.

15. L-appellant qal li l-marki tal-brejkijiet jikkorroboraw il-verżjoni tiegħu tal-fatti, għaliex dawn juru biċ-ċar il-moviment tal-vettura tal-appellat, li għelbet u ssorpassat minn fuq il-karreġġata tal-lemin għal fuq dik tax-xellug, u fil-fatt il-marki tal-brejkijiet tal-appellat jibdew minn fuq il-karreġġata tal-lemin. Qal li kieku l-appellat kien fil-karreġġata tax-xellug fil-mument tal-impatt, il-marki tal-brejkijiet kienu jkunu għad-dritt u fl-istess karreġġata.

16. L-appellant qal li fattur ieħor li ġie injorat mill-Arbitru huwa dak tal-ħsara mġarrba miż-żewġ vetturi, jew aħjar il-punt fejn iż-żewġ vetturi missew lil xulxin fil-mument tal-impatt oriġinali. Qal li filwaqt li l-appellat jgħid li l-impatt oriġinali kien fuq il-*bumper* ta' wara tan-naħa tax-xellug, il-ħsara fil-vettura tal-appellant kienet konċentrata fuq quddiem fin-naħa tal-lemin, li jfisser li l-impatt kien bejn il-parti ta' wara tal-vettura tal-appellat fuq ix-xellug, mal-kantuniera ta' quddiem tal-vettura tal-appellant fuq il-lemin. Qal li dawn il-ħsarat mhumiex kompatibbli mal-verżjoni mogħtija mill-appellat, u jikkorroboraw il-verżjoni mogħtija minnu, jiġifieri li l-impatt seħħ meta l-appellat kien dieħel quddiem l-appellant minn fuq il-karreġġata tal-lemin. L-appellant saħaq illi li kieku l-impatt seħħ meta huwa ħareġ mit-triq laterali, kif qiegħed jippretendi l-appellat, il-ħsara fuq il-vettura tal-appellant kienet tkun fuq il-kantuniera ta' quddiem tan-

naħa tal-lemin, u mhux fuq dik tax-xellug. Qal li għalhekk, fil-fehma tiegħu, mill-provi prodotti kellu jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-inċident mertu tal-kawża seħħ kif inidkat minnu, u l-appellat kellu jinżamm responsabbli għall-inċident, u mhux hu. L-appellant qal li s-sorpass, għalkemm manuvra leġittima meta ssir f'waqtha, tista' tkun ukoll manuvra ta' perikolu, u għalhekk sewwieq li jagħmel manuvra ta' sorpass għandu jara li jibda u jtemm il-manuvra bla ma joħloq perikolu. L-appellant qal li mill-provi prodotti għandu jirriżulta li l-appellat naqas milli jeżerċita l-kura u l-attenzjoni xierqa huwa u jissorpassa l-vettura tiegħu. L-appellant għamel riferiment għar-Regolament 181 tal-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq, li jipprovdi li wieħed m'għandux jaqla' vettura qabel ma jkun ċert li jista' jagħmel dan mingħajr periklu għalih jew għal ħaddieħor. Qal li l-appellat m'aċċertax ruħhu li seta' jissorpassah u ma eżerċitax dik l-attenzjoni ogħla rikjesta minn sewwieq ta' vettura li jkun qiegħed jittenta jagħmel manuvra ta' sorpass.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

17. L-appellat fir-risposta tiegħu, qal li l-inċident seħħ meta waqt li huwa kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu tal-għamla Renault ta' lewn blu (targata DCC 465), f'daqqa' waħda ħarġet vettura targata DCC 341 misjuqa mill-appellant, minn triq laterali fuq ix-xellug tiegħu fejn hemm *stop sign,* u laqtet il-vettura tal-appellat fuq il-ġenb tal-*bumper* ta' wara, tant hu hekk li ħalliet marki taż-żebgħa bajda fuq il-ġenb ta' wara. Qal li l-marki taż-żebgħa ġew identifikati b'mod aktar preċiż mis-*survey* li sar minn Natalino Agius, u dan iddeskriva l-ħsara li kien

hemm fil-vettura tal-appellat b'mod dettaljat, fosthom billi qal li l-fanal fil-kantuniera ta' wara kien miksur u kellu żebgħa bajda.

18. L-appellat qal li konsegwenza tal-impatt li rriżulta meta l-appellant ħareġ minn fuq *stop sign* mingħajr ma waqaf, il-vettura tiegħu daret lejn ix-xellug minn quddiem, skiddjat u daħlet ġo ħajt tas-sejjieħ, bir-riżultat li kellha ħsara estensiva kif jirrapporta s-*surveyor* Natalino Agius. Qal li meta l-vettura ġiet milquta fuq il-ġenb ta' wara, din il-vettura daret billi dik hija l-aktar parti ħafifa tal-vettura, u għalhekk l-ispjega mogħtija minnu hija l-aktar waħda li tagħmel sens.

19. L-appellat qal li fil-kontro-eżami li sar, l-appellant sostna li l-appellat kien ħabat ma' vettura oħra qabel ħabat miegħu, u din il-vettura kienet waqfet u s-sewwieqa tagħha kienet preżenti meta mar il-*warden* fuq il-post, iżda kienet qalet li ma tafx x'ġara. Qal li x-xhieda mogħtija mill-appellant turi bl-aktar mod lampanti li huwa ma kienx jaf kif ġara l-inċident għaliex ma kien ra xejn, u għalhekk ix-xhieda tiegħu m'hija xejn għajr suppożizzjonijiet. L-appellat qal li filwaqt li Elizabeth Grech qalet li l-vettura li daħlet fiha kienet waħda ta' lewn iswed u li baqgħet sejra wara l-impatt, din il-vettura ma setgħetx kienet l-istess waħda misjuqa minnu, u dan għaliex il-vettura tiegħu spiċċat ħabtet ġo ħajt wara l-ħabta mal-appellant, u għalhekk l-assunzjoni tal-appellant li qabel il-vetturi tal-partijiet ħabtu bejniethom, il-vettura misjuqa mill-appellat ħabtet ma' vettura oħra, mhijiex tenibbli. Qal li f'dawn il-proċeduri xehed ukoll il-*warden* Eric Sciberras, li fost affarijiet oħra kkonferma li kien hemm marki tal-brejkijiet ħdejn l-*istop sign.* Il-*warden* xehed li ma kellu l-ebda dubju li dawn il-

marki kienu tal-vettura ta' Spiteri. Qal li l-*warden* kellu dubju biss dwar il-marki tal-brejkijiet l-oħra li kien qallu bihom l-appellat. L-appellat qal li meta tkellem mal-*warden* wara li seħħ l-inċident, huwa qallu li kien qala' 'l barra biex jiskapola lill-appellant, u li din il-manuvra kienet waħda normali billi seħħet biex huwa jevita l-ħabta mal-appellant, li ħareġ ħesrem minn fuq ix-xellug tiegħu minn fuq *stop sign* mingħajr ma waqaf, sabiex b'hekk l-appellat ġibed lejn il-lemin u għafas il-*brake.* L-appellat qal li ladarba kien l-appellant li ħareġ minn triq laterali fuq ix-xellug tiegħu, fejn kien hemm *stop sign* għal ġo triq prinċipali, l-appellant kellu l-obbligu li jieqaf, iħares sewwa u qabel ma jimxi 'l quddiem jaċċerta ruħhu li ma kien hemm l-ebda traffiku għaddej fit-triq prinċipali.

20. L-appellat qal li f'dawn il-proċeduri xehed ukoll Curtis Bakush, li qal li kien qiegħed isuq fit-triq li minn Wied il-Għajn tagħti għaż-Żejtun, meta ħarġet vettura ta' kulur abjad minn triq laterali li laqtet lill-appellat, li kien qiegħed isuq vettura ta' lewn blu, bil-konsegwenza li l-appellat daħal fil-ħajt. Qal li dan ix-xhud spjega li huwa ra l-inċident iseħħ mill-mera hekk kif sema' l-ħoss tal-impatt. L-appellat qal li l-Arbitru fil-*lodo* tiegħu kien korrett meta qal li huwa l-appellant li jaħti għall-inċident. Qal li l-fatt li l-*warden* xehed fejn kienu l-marki tal-brejkijiet relattivament għall-*istop sign,* ix-xhieda tas-*surveyor* Natalino Agius li kkonferma li l-vettura tal-appellat kellha l-fanal ta' wara tax-xellug imkisser fil-kantuniera u kellha żebgħa bajda, ilkoll jikkorroboraw it-teżi tiegħu. Qal li l-vettura tiegħu ma kellha l-ebda ħsara fuq wara, u li kieku l-inċident seħħ kif qiegħed jallega l-appellant, li jgħid li kien l-appellat li ttenta manuvra ta' sorpass, u li kien dak il-ħin li seħħ l-inċident, il-ħsara fil-vettura tal-appellat kienet tkun fuq wara kollu. Qal li r-ritratt tal-*warden* juri li ma kien hemm l-ebda

ħsara fuq il-parti ta' wara tal-vettura tiegħu. L-appellat qal li dawn l-osservazzjonijiet għandhom juru li l-verżjoni mogħtija minnu hija l-aktar waħda verosimili, u li l-verżjoni mogħtija mill-appellant hija bbażata biss fuq assunzjonijiet, kif wara kollox jgħid huwa stess. Qal ukoll li huwa ressaq diversi provi sabiex jikkonferma kemm huwa l-prezz tal-vettura li kienet misjuqa minnu, filwaqt li l-appellant ma ressaq l-ebda prova, minkejja li eċċepixxa li l-prezz pretiż mill-appellat huwa wieħed "eċċessiv".

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

21. Il-Qorti tirrileva li f'dan il-każ hija qegħda tintalab terġa' teżamina l-provi mill-ġdid sabiex tkun hi li tiddeċiedi liema waħda mill-verżjonijiet mogħtija hija l-aktar waħda verosimili, u dan fid-dawl tal-fatt li l-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet involuti fl-inċident ivarjaw u huma kunfliġġenti għall-aħħar. L-appellant jgħid li l-inċident seħħ tort tal-appellat, li ttenta manuvra ta' sorpass mingħajr ma eżerċita l-attenzjoni meħtieġa, filwaqt li l-appellat jinsisti li dan l-inċident seħħ meta l-appellant ħareġ minn triq laterali u naqas li jieqaf fuq *stop sign,* bir-riżultat li kien hemm impatt mal-vettura misjuqa mill-appellat, li daret, skiddjat, u baqgħet dieħla f'ħajt. Konsegwenza ta' dan l-inċident, iż-żewġ vetturi ġarrbu ħsarat konsiderevoli, għalkemm il-vettura misjuqa mill-appellat ġarrbet ħsarat ferm aktar estensivi minn dik misjuqa mill-appellant, u ġiet iddikjarata *total loss.*

22. Il-lanjanza ewlenija tal-appellant hija li l-Arbitru naqas milli jikkonsidra l-provi kollha miġjuba quddiemu, u bbaża l-konklużjonijiet tiegħu fuq dak li qal Curtis Bakush, li l-Arbitru ddeskrivieh bħala 'xhud okulari', minkejja li dan ix-

xhud qal li huwa ħares fil-mera wara li sema' l-ħoss tal-impatt, u għalhekk għandu jirriżulta li ma rax l-inċident kif seħħ. Minkejja dan, l-Arbitru qal li kien qiegħed jibbaża l-konklużjonijiet tiegħu fuq il-verżjoni mogħtija minn dan ix-xhud. L-appellant jgħid li kien hemm żewġ fatturi oħra, ferm aktar importanti minn dak li qal dan ix-xhud, li donnu l-Arbitru injora għal kollox qabel wasal għall-konklużjoni tiegħu, jiġifieri l-pożizzjoni tal-marki tal-brejkijiet li kien hemm fit-triq, u l-ħsara sofferta mill-vetturi. Qal li l-fatt li l-marki tal-brejkijiet tal-vettura misjuqa mill-appellat jibdew mil-lemin u jmorru lejn ix-xellug, jagħti kredibbilità lit-teżi tiegħu dwar il-mod kif seħħ l-inċident, ċjoé li l-appellat ipprova jagħmel manuvra ta' sorpass mingħajr ma eżerċita l-attenzjoni rikjesta. Qal ukoll li l-marki mhumiex fl-istess karreġġata, fattur dan li jindika li l-appellat ma kienx qiegħed isuq fil-karreġġata t-tajba meta seħħ l-inċident. L-appellant spjega li anki l-ħsara li ġarrbu l-vetturi, hija ferm aktar kompatibbli mal-mod kif huwa jispjega li seħħ l-inċident, milli mal-verżjoni mogħtija mill-appellat.

23. Iżda l-Qorti tirrileva illi l-appellant stess jammetti fix-xhieda tiegħu li huwa ma jafx kif seħħ l-inċident, u li seta' biss jassumi. Dak li qiegħed jingħad minnu f'dan l-istadju għalhekk ukoll huwa bbażat biss fuq suppożizzjonijiet. Dan għaliex mix-xhieda tas-*surveyor* li eżamina ż-żewġ vetturi, għandu jirriżulta li fuq il-vettura misjuqa mill-appellat kien hemm traċċi taż-żebgħa mill-vettura tal-appellant fuq il-parti ta' wara, għalkemm il-parti l-kbira tal-ħsara hija fil-parti ta' quddiem tal-vettura, għat-tul kollu tagħha. Irid jingħad illi li kieku huwa veru li l-impatt seħħ minħabba manuvra ta' sorpass ażżardata mill-appellat, il-ħsara fil-vettura tiegħu kienet tkun ikkonċentrata fil-parti ta' wara tagħha. Il-liġi tal-fiżika tiddetta wkoll li meta l-impatt ikun fuq ġenb jew kantuniera ta' vettura, huwa

aktar faċli li din iddur, kif fil-fatt ġara, bil-konsegwenza li l-istess vettura misjuqa mill-appellat baqgħet dieħla ġo ħajt. Għaldaqstant, il-Qorti tqis li anki li kieku wieħed kellu jikkonsidra ż-żewġ fatturi li semma l-appellant fl-aggravju waħdieni tiegħu, jiġifieri l-pożizzjoni tal-marki tal-brejkijiet, li hemm dubju jekk humiex kollha relatati mal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, u l-ħsara sofferta mill-vetturi, huwa aktar verosimili li l-inċident seħħ kif spjega l-appellat milli kif jinsisti l-appellant. Quddiem dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti sejra tgħaddi biex tiċħad l-appell tal-appellant, filwaqt li tikkonferma l-*lodo* arbitrali appellat. Il-Qorti m'hija sejra tagħmel l-ebda konsiderazzjoni dwar il-*quantum* tad-danni likwidati għaliex l-appellant ma jgħid xejn dwar dan fir-rikors tal-appell tiegħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar dan l-appell billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma l-*lodo* arbitrali appellat fl-intier tiegħu. L-ispejjeż tal-proċeduri arbitrali għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**